



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Frar 2019  
(OR. en)

6558/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0037 (NLE)**

---

**UD 62**  
**CORDROGUE 6**

#### **ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi rigward iż-żieda mal-lista tas-sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi  
rigward iż-żieda mal-lista tas-sustanzi  
fit-Tabelli tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti  
kontra t-Traffiku Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u s-Sustanzi Psikotropiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988 (“il-Konvenzjoni”) daħlet fis-seħħ fil-11 ta’ Novembru 1990 u ġiet konkluża f’isem il-Komunità Ekonomika Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE<sup>1</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 12(2) sa (7) tal-Konvenzjoni, jistgħu jiżdiedu sustanzi fit-Tabelli tal-Konvenzjoni li fihom huma elenkati l-prekursuri tad-droga.
- (3) Matul it-tnejn u sittin sessjoni tagħha mill-14 sat-22 ta’ Marzu 2019 fi Vjenna, il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi jenħtieġ li tieħu deċiżjoni dwar iż-żieda ta’ erba’ sustanzi ġodda fit-Tabelli tal-Konvenzjoni.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem l-Unjoni fil-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi, matul it-tnejn u sittin sessjoni tagħha mill-14 sat-22 ta’ Marzu 2019 fi Vjenna, peress li d-deċiżjonijiet ikunu vinkolanti għall-Unjoni u jkunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005<sup>2</sup> u r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE tat-22 ta’ Ottubru 1990 li tikkonċerna l-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu ta’ Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat- 22 ta' Diċembru 2004 li jstabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursori tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

- (5) Skont il-valutazzjoni tal-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi, tliet sustanzi, 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidat (“PMK-gliċidat”), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku (“aċidu PMK-gliċidiku”) u alfa-fenilacetammid (APAA) jintużaw ta’ spiss fil-manifattura illeċita, rispettivament, tal-MDMA u sustanzi relatati; ta’ 3,4-MDP-2-P u sussegwentement l-MDMA u sustanzi relatati; u l-amfetamina u l-metamfetamina. Hemm evidenza li l-volum u l-firxa tal-manifattura illeċita ta’ dawn id-drogi narkotiċi u tas-sustanzi psikotropiċi joħolqu problemi serji għas-saħħa pubblika jew soċjali, u din tiġġustifika t-tqegħid ta’ dawn is-sustanzi taħt kontroll internazzjonali. Fir-rigward tar-raba’ sustanza, jiġifieri l-aċidu jodidriku, il-Bord Internazzjonali għall-Kontroll tan-Narkotiċi huwa tal-fehma li l-kontroll internazzjonali ma jkunx effettiv fit-tnaqqis tad-disponibbiltà tal-metamfetamina u l-amfetamina mmanifatturati illegalment. Il-manifattura illegali tal-MDMA, u sustanzi relatati, u l-metamfetamina u l-amfetamina hija problema serja fl-Unjoni. Dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi mmanifatturati illegalment jikkawżaw problemi tas-saħħa pubblika u soċjali sinifikanti fl-Unjoni. Barra minn hekk, gruppi ta’ kriminalità organizzata fl-Unjoni qegħdin jesportaw ukoll illegalment dawn id-drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi lejn pajjiżi terzi.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-tnejn u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi għandha tkun kif ġej:

- 3,4-MDP-2 metil-gliċidat (“PMK-gliċidat”), aċidu 3,4-MDP-2-P-metil-gliċidiku (“aċidu PMK-gliċidiku”) u alfa-fenilacetammid (APAA) għandhom jiġu inklużi fit-Tabella I tal-Konvenzjoni;
- l-aċidu jodidriku m'għandux jitqiegħed taħt il-kontroll tal-Konvenzjoni.

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---